



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2018/0477/FIN (Finland)

Digriet tal-Gvern li jemenda d-Digriet dwar l-użu ta' vetturi fit-triq

Data tal-wasla : 24/09/2018

Tmiem tal-Waqfien : 27/12/2018 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2018) 02580

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2018/0477/FIN

No abre el plazo - Nezhajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késések - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorī oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201802580.MT)

1. MSG 002 IND 2018 0477 FIN MT 24-09-2018 FIN NOTIF

2. FIN

3A. Työ- ja elinkeinoministeriö

Työllisyys ja toimivat markkinat -osasto

PL 32

FI-00023 VALTIONEUVOSTO

Puhelin +358 29 504 7015

maaraykset.tekniset@tem.fi

3B. Liikenne- ja viestintäministeriö

PL 31

FI-00023 VALTIONEUVOSTO

Puhelin + 358 295 16001

Yhteyshenkilöt: erik.asplund@lvm.fi, aino.still@lvm.fi

4. 2018/0477/FIN - T40T

5. Digriet tal-Gvern li jemenda d-Digriet dwar l-użu ta' vetturi fit-triq

6. L-użu ta' vetturi fil-kategoriji M,N u O u kombinazzjonijiet tagħhom fit-triq

7. -

8. Qed jiġi hawnhekk propost li t-tul massimu awtorizzat ta' vetturi u kombinazzjonijiet ta' vetturi reġistrati jew imdaħħla fiċ-ċirkolazzjoni fl-Istat taż-ŻEE jiġi emendat. Huwa propost ukoll li tipi ġodda ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jidderogaw



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

mill-kombinazzjonijiet eżistenti ta' vetturi jitħallew għall-użu fit-triq.

Il-proposta tistabbilixxi d-dimensjonijiet massimi awtorizzati, il-mases, ir-rekwiżiti dwar il-manuvrabbiltà għall-kombinazzjonijiet itwal ta' vetturi u tipi ġodda ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi, kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-konnessjonijiet u t-tagħmir relatati mal-użu sikur ta' vetturi u l-kombinazzjonijiet ta' vetturi.

It-tulijiet massimi awtorizzati ta' vettura fit-triq ikunu emendat b'tali mod li għal vettura oħra għajr vettura fil-kategorija M2 jew M3, it-tul massimu awtorizzat fit-triq ikun emendat minn 12-il metru għal 13-il metru, it-tul il-ġdid tal-ġibda ta' semitrejler ikun ta' 18-il metru u dak tat-trejler attwali ta' 16.00-il metru. It-tul massimu awtorizzat tal-kombinazzjoni ta' trakk u semitrejler ikun emendat minn 16.50 metri għal 23 metru. Fil-futur, it-tul massimu awtorizzat tal-kombinazzjoni li tikkonsisti minn vettura u trejler b'fus ċentrali ikun ta' 20.75 metri minflok it-tul preżenti ta' 18.75 metri. It-tul massimu awtorizzat tal-kombinazzjoni li tikkonsisti minn trakk u trejler wieħed jew iktar jinbidel mit-tul kurrenti ta' 25.25 metri għal 34.50 metri, li minnu s-somma tal-tulijiet interni tat-tagħbija wara l-kabina tal-vettura tal-irmonk tinbidel mit-tul kurrenti ta' 21.42 metri għal 29.24 metri. It-tulijiet interni tat-tagħbija massimi awtorizzati huma bbażati fuq id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Id-Direttiva dwar il-Mases u d-Dimensjonijiet", bid-dimensjoni tal-modulu ta' 7.82 metri u 13.6 metri skont il-prinċipji tal-kunċett modulari. Il-massa massima awtorizzata ta' vettura u trejler b'fus ċentrali għandha tkun emendata mill-44 tonnellata attwali għal 50 tonnellata. Il-mases awtorizzati ta' kombinazzjonijiet ġodda u itwal b'numru akbar ta' fusien ikunu ta' 74 tonnellata għal għaxar fusien u 76 tonnellata għal mill-inqas ħdax-il fus.

9. L-għan hu li jiżiedu t-tulijiet massimi awtorizzati kurrenti biex jiġi permess li t-trakkijiet, it-trejlers u s-semitrejlers li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva dwar il-Mases u d-Dimensjonijiet jintużaw f'tali kombinazzjonijiet sabiex jinkiseb it-tul tat-tagħbija massimu awtorizzat fil-Finlandja, sabiex l-operatur mill-Istat Membru li adotta d-dimensjonijiet skont id-Direttiva msemmija hawn fuq ikun jista' jibbenefika minn kundizzjonijiet ugwali tal-kompetizzjoni (il-kunċett modulari). L-għan tal-proposta hu li tittejjeb l-effiċjenza tat-trasport tat-triq u jitnaqqsu l-emissjonijiet relatati mat-trasport. L-għan hu li jiġu determinati r-rekwiżiti kosteffettivi għall-kombinazzjonijiet ta' vetturi li huma itwal mis-soltu li jistgħu jippromovu l-użu ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi ta' trasport b'kapasità għolja (HCT) fuq skala usa' u li jkunu provduti l-akbar benefiċċji possibbli tat-trasport. Il-proposta jkollha l-għan li telimina r-restrizzjonijiet kollha li mhumix iġġustifikati fir-rigward tas-sigurtà fit-triq, l-ambjent tat-traffiku jew l-ambjent. In-notifika preċedenti dwar il-proposta, Notifika Nru 2018/285/FIN, ippreżentata skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, hija revokata u għalhekk din tikkostitwixxi n-notifika l-ġdida dwar il-proposta.

10. Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi: Digriet dwar l-użu ta' vetturi fit-triq (1257/1992)

<https://www.finlex.fi/fi/laki/ajantasa/1992/19921257?search%5Btype%5D=pika&search%5Bpika%5D=ajoneuvojen%20k%C3%A4yt%C3%B6st%C3%A4%20tiell%C3%A4>

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. Iva

16. Aspett OTK

Le - l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Le - l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu